MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 164/2013

**Desmond Mizzi u Millenia Limited**

**Vs**

**Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-18 ta’ Frar 2013 l-atturi ppremettew:

*1. Illi r-rikorrent Desmond Mizzi huwa azzjonist kif ukoll Direttur fis-soċjetá rikorrenti Millennia Limited;*
*2. Illi nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) bagħat nota ta’ talba għall-ħlas (kopja ta’ liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata*

*bħala ‘Dok A’) lil “Id-Direttur, Millennia Limited, 240, Triq Haż-Żabbar, Fgura FGR 1011”, u dan ai termini tas-subartikolu 59(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta’ Malta);*

*3. Illi qatt ma nħareġ “Avviż” mill-Kummissarju tal-VAT kif inhu rikjest mis-subartikolu 59(1) tal-Kap. 406;*

*4. Illi permezz ta’ ittra datata t-tlieta u għoxrin (23) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja ta’ liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala ‘Dok B’), Joseph Tabone għan-nom tas-soċjetá rikorrenti Millennia Limited bagħat ittra lill-Kummissarju tal-VAT joġġezzjona għat-talba għall-ħlas, u fl-istess ħin jitlob lill-istess Kummissarju sabiex tiġi applikata favur Millennia Limited l-iskema mogħtija fil-baġit tas-sena elfejn u tnax (2012) hekk imsejħa “Scheme for Remittance of Interest and Administrative Penalties”, u dan għar-raġunijiet esposti fl-istess ittra;*

*5. Illi permezz ta’ ittra datata it-tlieta (3) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja ta’ din l-ittra qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala ‘Dok Ċ’) id-Direttur Ġenerali irrifjuta t-talba ta’ Millennia Limited iżda stedina sabiex tagħmel referenza quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva abbażi tal-artikolu 44(j) tal-Kap 406;*

*6. Illi fid-deċiżjoni tiegħu id-Direttur Ġenerali naqas milli jispjega x’verifiki saru u preċiżament għal liema raġuni ġiet miċħuda t-talba tas-soċjetá rikorrenti;*

*7. Illi fid-deċiżjoni tiegħu id-Direttur sempliċiment għamel referenza għal paragrafu 11 ta’ Anness A tal-Avviż Legali numru 112 tas-sena 2012, liema paragrafu ma jeżistix;*

*8. Illi għalhekk huwa diffiċli sabiex ir-rikorrenti tikkontesta dik id-deċiżjoni;*

*9. Illi d-Direttur Joseph Tabone bgħat ittra oħra lid-Dipartiment tal-VAT nhar l-għaxra (10) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja ta’ liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala ‘Dok D’) li fiha jgħid hekk:*

*"We make reference to our letter dated 23/11/2012 and to the reply by the Commissioner dated 3rd day of December 2012 received recently and wish to relay the matter for reconsideration to the Administrative Review Tribunal in terms of Article 44(j) of the VAT Act.*

*We kindly ask you to accept our request and to direct us further if any other formalities are duly required";*

*10. Illi minkejja li tqajment din il-korrispondenza mad-Dipartiment tal-VAT, qatt ma ntbagħtet risposta formali għal din l-aħħar ittra, u minkejja li kien konsapevoli dwar il-fatt illi s-soċjetá rikorrenti riedet tagħmel referenza quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-"Kummissarju tat-Taxxi" intavola ittra uffiċjali (kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala 'Dok E') bin-numru 242 tas-sena 2013 kontra r-rikorrent Desmond Mizzi f'ismu proprju kif ukoll bħala rappreżentant tas-soċjetá Millennia Limited;*

*11. Illi din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata darba biss (kif jidher mill-Cash Book Details annessi u mmarkati bħala 'Dok F') u dan fl-indirizz "Apartment 32, Block 8, St. Angelo Mansions, Xatt tal-Birgu, Birgu", nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013);*

*12. Illi minkejja li n-nota ta' avviż ta' ħlas kienet saret għall-ammont ta' disgħin elf, tmienja u ħamsin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€90,058.99), l-imsemmija ittra uffiċjali saret għall-ammont ta' sitta u sittin elf, erba' mija u ħamsa u tmenin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€66,485.57);*

*13. Illi minħabba f'din il-konfużjoni huwa iktar diffiċli għar-rikorrenti li jikkontestaw it-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi;*

*14. Illi kontestwalment ma' din il-kawża qiegħed jiġi ppreżentat rikors fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva*

*abbażi tas-subartikolu 44(j) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*1. Tordna s-sospensjoni pendente lite tal-effetti legali tal-ittra uffiċjali datata il-25 ta' Jannar 2013;*
*2. Tiddikjara illi l-proċedura adoperata mid-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) hija nulla u improponibbli, u dan stante illi:-*
*(i) Qatt ma nħareġ Avviż mill-Kummissarju tat-Taxxi li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti mir-rikorrenti, kif rikjest mill-Artikolu 59(1) tal-Kap 406;*
*Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*3. Tordna s-sospensjoni pendente lite tal-effetti legali tal-ittra uffiċjali datata il-25 ta' Jannar 2013;*
*4. Tiddikjara illi l-proċedura adoperata mid-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) hija nulla u improponibbli, u dan stante illi:-*
*(ii) Qatt ma nħareġ Avviż mill-Kummissarju tat-Taxxi li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti mir-rikorrenti, kif rikjest mill-Artikolu 59(1) tal-Kap 406;*
*(iii) Id-Direttur Ġenerali ma spjegax ir-raġuni għaliex irrifjuta t-talba tas-soċjetá rikorrenti sabiex l-iskema in kwistjoni tiġi applikata favur tagħha, u dan jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrenti;*
*(iv) L-ammont pretiż fin-nota ta' avviż ta' ħlas ma jaqbilx ma' l-ammont pretiż fl-ittra uffiċjali tal-25 ta' Jannar 2013, u dan jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti;*
*(v) L-ittra uffiċjali in eżami ġiet notifikati darba biss;*

5. *Mingħajr preġudizzju, fl-alternattiv, tiddikjara illi l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Jannar tas-sena 2013 ġiet intavolata intempestivament, u dan għaliex għad trid tiġi determinata il-kwistjoni riferita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva*.
Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-22 ta' Marzu 2013 l-konvenut ikkontestat t-talbiet peress li:-

1. L-ittra tal-21 ta' Novembru 2012 tissodisfa l-elementi kollha tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406. Dik l-ittra hi nota ta' talba ghall-hlas mibghuta ai termini tal-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406.
2. L-ittra tat-3 ta' Dicembru 2012 tindika b'mod car ir-raguni ghalfejn giet michuda t-talba tal-atturi sabiex jidhlu fl-iskema ntrodotta bl-Avviz Legali 112 tal-2012.
3. Fid-data meta giet prezentata l-ittra ufficjali (25 ta' Jannar 2013) ma kienx hemm appell quddiem it-Tribunal. Appell li kien prezentat fit-18 ta' Frar 2013. Appell li jitratta r-rifjut li l-attrici tidhol fl-iskema. Ic-cahda ghat-talba tal-attrici biex tibbenifika mill-iskema hi bazata fuq 'il fatt li saret wara z-zmien kontemplat mill-Avviz Legali.
4. L-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2013 giet notifikata liz-zewg atturi u ghalhekk hi valida.
5. Is-somma ta' €90,058.99 hi bazata fuq denunzji li l-attrici baghatet lid-Dipartiment ghajr ghad-denunzji li jkopru l-perjodu Mejju 2010 sa Lulju 2010 u Frar 2012 sa April 2012. F'dawk ic-cirkostanzi d-Direttur Generali hareg stima. Wara li d-denunzji ghal dawn il-perjodi gew prezentati, id-Direttur Generali rriduca l-ammont pretiz minghand l-atturi.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet. Ghalkemm fin-nota tieghu l-konvenut talab l-isfilz tan-nota tal-atturi, il-qorti m'hijiex ser tilqa' t-talba gialadarba hu evidenti li ha konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi u wiegeb ghaliha.

1. Il-fatti fil-qosor huma dawn:-

i. L-attur Mizzi hu direttur tal-kumpannija konvenuta;
ii. Fil-21 ta' Novembru 2012 il-konvenut baghat ittra ndirizzata lid-Direttur ta' Millenia Ltd (fol. 6) fejn infurmah li kien debitur tad-Dipartiment fl-ammont ta' €90,058.99 bhala Taxxa Fur il-Valur Mizjud ghall-perjodu mill-1/11/2006 sal-31/7/2008; 1/11/2008 sal-31/1/2011; 1/5/2011 sal-31/7/2011 u 1/2/2012 sat-30/4/2012. Mal-ittra kien hemm Ledger Statement (fol. 7). Fl-ittra jinghad li d-

Direttur kien qieghed jinterpellah ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 sabiex fi zmien hamest ijiem ihallas. Intbaghatet ukoll ittra identika ndirizzata lill-attur Mizzi (fol. 154). Fl-ittra jinghad li l-ledger statement huwa anness. Meta xehed, l-attur ikkonferma li kien ircievihom (seduta 20 ta' Mejju 2013).

iii. B'ittra datata 23 ta' Novembru 2012 (fol. 10) mibghuta minn Millenia Limited jinghad li m'hemm l-ebda taxxa dovuta u l-imghax u penali kienu akkumulaw ghaliex il-Gvern ma kienx hallas dak li kien lilu dovut matul is-snin. Jinghad ukoll li l-kumpannija kienet sofriet minhabba qasma ta' kumpanniji li marret hazin u li dwarha saru proceduri gudizzjarji. Fl-ahharnett talab: *"In this regards we ask you in view of the recent Budget Amnesty to cancel all interest and charges and kindly liberate the company from further pressure"*.

iv. B'ittra ohra datata 3 ta' Dicembru 2012 (fol. 11) mibghuta mid-Dipartiment, l-attrici giet infurmata li l-iskema ma kenitx applikabbli ghaliha ghaliex ma kenitx issodisfat paragrafu 11 ta' Annex A tal-Avviz Legali 112 tal-2012.

v. Bi twegiba l-kumpannija attrici baghatet ittra ohra, 10 ta' Dicembru 2012 (fol. 12), fejn infurmat lid-Dipartiment li ser tirreferi l-kaz quddiem it-Tribunal.

vi. Fil-25 ta' Jannar 2013 d-Dipartiment ipprezenta ittra ufficjali kontra l-atturi (fol. 14) u nterpellahom ihallsu s-somma ta' €66,485.57 dovuta bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Il-qorti tibda biex tosserva li meta xehed Desmond Mizzi pprova jiggustifika n-nuqqas ta' hlas ghal fatt li:-

i. Kienu nqalghu problemi imprevisti fil-process tal-qasma tal-Mizzi Group li fih kien hemm diversi kumpanniji, fosthom dik attrici (fol 111), tant li ghamel ukoll kawza;

ii. Il-Gvern kien debitur ta' Millenia Limited u kien ghadu ma hallasx;

Pero l-qorti ma tistax tikkunsidra dawn l-ilmenti peress li ma jifformawx parti mit-talbiet maghmula fir-rikors

guramentat. Ilmenti li wara kollox jissemmew fl-appell li sar quddiem it-Tribunal Amministrattiv ghar-Revizjoni[1].

L-ilment tal-atturi kif espressi fir-rikors guramentat huma li:-

1. **<u>Qatt ma nghata avviz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva kif rikjest mill-Artikolu 59(1) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud</u>**.

Dan l-ilment, kif spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-16 ta' Lulju 2013, jikkonsisti mill-fatt li l-ittra datata 21 ta' Novembru 2012 (fol. 6)[2] ma tikkwalifikax bhala *"**<u>Avviz</u>** mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrativa dovuta minn persuna..."* skond l-Artikolu 59(1) [enfazi tal-qorti] ghaliex:-

i. Hemm distinzjoni bejn l-avviz u n-nota ta' talba ghall-hlas fis-sens li huma dokumenti separati. Kieku l-ligi kienet titlob dokument wiehed, kienet tirreferi ghalih bl-istess kliem.
ii. M'huwiex isir distinzjoni bejn **l-avviz** mehtiega skond l-Artikolu 59(1) u **n-nota ta' talba** li tissemma fl-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406.
iii. Fiha ma jinghadx li huwa l-avviz li jikkontempla l-Artikolu 59(1);

Min-naha tal-konvenut isostni li l-ittri m'huma xejn ghajr it-talba ghall-hlas li tissemma fl-Artikolu 59(2)[3], filwaqt li d-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Registrata (*Ledger statement*) annessa mal-ittri hu l-avviz li jissemma fl-Artikolu 59(1) tal-Kap. 406.

[1] Ara paragrafi 15 sa 17.
[2] Hemm ohra identika bhala ndirizzata lill-attur personalment (fol. 154).
[3] Ghalkemm Joseph Attard, ufficjal tad-Dipartiment, xehed *"Dak li qieghda issejjahlu bhal ittra l-Qorti fol. 6, huwa l-avviz tal-hlas li jibghat id-dipartiment"* (seduta tal-20 ta' Mejju 2013).

Il-qorti hi tal-fehma li:-

(a) L-ittra a fol. 6 u 154 tikkwalifika bhala t-talba ghall-hlas kontemplata fl-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406. Fil-fatt fiha jissemma l-bilanc li l-konvenut qieghed jippretendi minghand l-atturi u l-atturi gew mitluba jhallsu d-dejn li kellhom mad-Dipartiment:

*"Ghaldaqstant id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qieghed jinterpellak ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 sabiex thallas dan l-ammont fi zmien* ***hamest ijiem*** *minn meta tirciev i din in-notifika.*

*Jekk tonqos li taghmel dan id-Dipartiment jista' jipprocedi kontra tieghek skond il-Ligi"*.

L-atturi jsostnu li dawn l-ittri ma jistghux jikkwalifikaw bhala talba ghall-hlas ghaliex jissemmew 5 ijiem li fihom ghandu jsir il-hlas. Il-qorti ma tara xejn irregolari f'dan 'il fatt. Ovvjament b'ligi d-Direttur Generali ma jistax jipprocedi biex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv ghaliex dan isir ezegwibbli wara li jghaddu tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika tat-talba ghall-hlas.

(b) L-ittri tal-21 ta' Novembru 2012 ma jistghux jigu kkunsidrati bhala l-avviz kontemplat fl-Artikolu 59(1) tal-Kap. 406. Fihom jissemma biss il-bilanc li hu dovut mill-atturi (€90,058.99) *"bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, Penali u Interssi skond l-Artt XXIII tal-1998"*. Hemm bzonn li fl-avviz jigu ddikjarati:

i. Il-perjodi ta' zmien li ghalihom hi dovuta t-taxxa, penali amministrattiva u imghax. F'dan ir-rigward l-ittri tal-21 ta' Novembru 2012 taghti tali taghrif;
ii. Ghal kull perjodu li jissemma fl-avviz, ghandu jissemma b'mod individwali l-ammont ta' taxxa dovuta, penali amministrattiva u imghax;

Irridu niftakru li skond l-Artikolu 59(1) tal-Kap. 406 l-avviz hu fih innifsu prova li l-ammont hu dovut, pero kif jinghad

fl-istess provvediment, dan ***"kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja"***. Ghalhekk il-persuna li lilha jintbaghat l-avviz ghandha tinghata t-taghrif sabiex jekk ma taqbilx mal-ammonti li jkunu qeghdin jintalbu, tkun tista' tikkontesta billi ggib prova kuntrarja. L-importanza ta' dan jizdied meta l-avviz jintbaghat lil xi wiehed mill-persuni li jissemma fl-Artikolu 66 tal-Att, cjoe' r-rapprezentanti li huma solidalment responsabbli ghall-hlas flimkien mal-persuna taxxabbli[4].

(c) Fir-realta' fid-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Persuna Registrata (*Ledger Statement*) [fol. 155-157] hemm it-tip ta' taghrif li ghandu jkun fih l-Avviz kontemplat fl-Artikolu 59(1). F'kull faccata ta' dan id-dokument jinghad: *"**Notice** in Terms of Articles 59 of Cap. 406 (VAT Act 1998)"* (enfazi tal-qorti). Ghalkemm fl-ahhar parti tad-dokument jinghad ukoll: *"Din id-dikjarazzjoni ghandha titqies bhala **nota ta' talba** ghal hlas skond id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 59 ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"*, fil-ligi m'hemm xejn li:-

i. L-avviz u t-talba ghall-hlas iridu jsiru f'dokumenti separati; u li
ii. L-ewwel irid jintbaghat l-avviz u wara t-talba ghall-hlas;

2. **<u>Id-Direttur Generali ma tax raguni ghalfejn irrifjuta t-talba tal-attrici sabiex tibbenifika mill-iskema</u>**.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ma saret l-ebda sottomissjoni dwar dan l-ilment.

L-ilment jirrelata ghar-rifjut tad-Direttur Generali li jhassar imghax u penali amministrattivi taht ir-Regolament dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Thassir ta' Imghax u Penali Amministrattivi Inkorsi taht l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-

[4] Ara Artikolu 5 ghad-definizzjoni ta' persuna taxxabbli.

Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) [Legislazzjoni Sussidjarja 406.18].

Fl-ittra tat-3 ta' Dicembru 2012 (fol. 11) id-Direttur Generali baghat igharraf lill-kumpannija attrici:

*"please note that following the necessary verifications it transpired that you have not satisfied the following condition/s:*

*Paragraph 11 in Annex A of Legal Notice 112 of 2012"*.

Ghalkemm l-atturi jilmentaw li l-imsemmi paragrafu ma jezistix, fir-realta' jezisti (ara fol. 163).

Bhalissa hemm appell pendenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv. Fil-fatt fl-imsemmija ittra l-attrici giet infurmata li jekk tixtieq tista' tappella quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-Artikolu 44(j) tal-Kap. 406. Fit-twegiba li nghatat mid-Direttur Generali, f'dawk il-proceduri, jinghad:

*"l-appellant ma ottemparax ruhu mar-rekwiziti tal-Avviz Legali 456/11. Dan peress illi naqas milli jissottmetti d-denunzja tat-taxxa tieghu ghall-perjodu ta' taxxa bejn l-1 ta' Mejju 2010 u 31 ta' Lulju 2010 saz-zmien preskritt mil-ligi u cioe' sal-15 ta' Settembru 2010. Fil-fatt din id-denunzja kienet sottomessa fis-7 ta' Novembru 2012."* (fol. 164).

Skond regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 406.18:

*"Il-Kummissarju jista' jhassar, ta' darba, imghax u, jew penali amministrattiva inkorsi jew li jiddekorru lil xi persuna taht l-Att skond il-kundizzjonijiet u l-proceduri li hemm fl-Anness A ta' dawn ir-regolamenti"*.

Fl-Anness A hemm il-kondizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti sabiex persuna tkun tikkwalifika ghat-thassir tal-imghax u l-penali amministrattiva. Wahda minn dawn hi z-zmien li fih id-denunzji tat-taxxa kellhom jigu pprezentati (ara paragrafu 4(b) tal-Anness A li jipprovdi li d-denunzji li

kellhom jidhlu sal-15 ta' Ottubru 2011 jiddahhlu sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2012).

Pero f'paragrafu 11 tal-istess Anness id-Direttur Generali ghandu d-diskrezzjoni, minkejja l-kondizzjonijiet li jissemmew f'paragrafu 4, li jhalli persuna li tikkwalifika ghat-thassir jekk in-nuqqas li wassal sabiex dik il-persuna ma tikkwalifikax ghat-tnaqqis kien dovut ghal "skuzanti ragjonevoli". Pero wara l-31 ta' Lulju 2012 mhux possibbli li jaghti iktar estensjonijiet. Ghalhekk l-iskop wara dan il-paragrafu hu li l-persuna kkoncernata tinghata estensjoni ta' zmien biex tottempera ruhha ma' dak li jinghad f'paragrafu 4. F'dan il-kaz l-ittra ta' Millenia Limited hi datata 23 ta' Novembru 2012 (fol. 10), cjoe' wara li kienet ghaddiet il-gurnata sa meta d-Direttur Generali seta' jaghti estensjoni ta' zmien. Mela f'dak l-istadju d-Direttur Generali ma setax jaghti estensjoni ta' zmien biex Millenia Limited tkun tista' tikkwalifika ghat-thassir ta' imghax u penali amministrattiva. Ghalkemm fit-twegiba li baghat id-Direttur Generali, cjoe l-ittra tat-3 ta' Dicembru 2012 (fol. 11), ma jinghadx espressament li kien ghalaq iz-zmien sa meta kien possibbli li jaghti estensjoni biex il-persuna tottempera ruhha ma' dak li jinghad f'paragrafu 4 tal-anness, ir-riferenza ghall-paragrafu 11 ta' l-Anness ma jistax jiftiehem mod iehor.

3. **<u>L-ammont li jissemma fin-nota ta' avviz ta' hlas ma jaqbilx mal-ammont dikjarat fl-ittra ufficjali prezentata fil-25 ta' Jannar 2013 (fol. 14)</u>**.

Ilment li hu frivolu ghaliex l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali hu ta' €66,485.57, cjoe' inqas mill-ammont mitlub bl-ittri tal-21 ta' Novembru 2012.

Il-qorti fehemet li t-tnaqqis kien dovut ghal fatt li fir-rigward tal-perjodi ta' taxxa Mejju 2010 sa Lulju 2010 u Frar 2012 sa April 2012, id-Direttur Generali hareg stimi peress li l-kumpannija attrici ma baghatitx it-*tax return*. Wara li ntbaghatu, l-ammont dovut ghal dawn il-perjodi gie rivedut.

4. **<u>L-ittra ufficjali giet notifikata lill-wiehed mill-atturi biss</u>**.

L-Artikolu 185 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 186(1),* ***meta skrittura ghandha tkun notifikata lil tnejn minn nies jew izjed****, ukoll jekk dawn ikunu jghixu flimkien fl-istess indirizz,* ***<u>kull wiehed minnhom ghandu jigi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura</u>****."* (enfazi tal-qorti).

L-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406 jezigi li t-titolu ezekuttiv isir ezegwibbli *"[….] wara jumejn* ***minn notifika lil dik il-persuna*** *ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju"* (enfazi tal-qorti). Mela kull persuna ghandha tigi notifikata.

Id-Direttur Generali tat-Taxxa Valur Mizjud jippretendi li ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront tal-persuna taxxabbli (Millenia Limited), u tad-direttur tal-kumpannija (Desmond Mizzi) in forza tal-Artikolu 66(5) tal-Kap. 406.

M'hemmx kontestazzjoni li Desmond Mizzi nghata kopja wahda ta' ittra ufficjali. L-ittra ufficjali hi ndirizzata lil Desmond Mizzi f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Millenia Limited. Il-konvenut argumenta[5]:-

*"[….] l-istess ittra ufficjali hija intiza sabiex tigi notifikata lil persuna wahda biss, u cioe' Desmond Mizzi, fil-vesti tieghu personali u ta' direttur. L-ittra ufficjali mhix indirizzata lil nies ohra ghajr lil Desmond Mizzi u m'hemmx nies ohra fl-istess indirizz ta' Desmond Mizzi sabiex jircievu dan id-dokument. Ghalhekk l-Artikolu 185 tal-Kap. 12 ma japplikax fil-kaz odjern inkwantu dan japplika biss meta jkun hemm il-htiega ta' notifika lil tnejn min-nies jew aktar fl-istess indirizz"*.

[5] Ara nota ta' sottomissjonijiet tat-28 ta' Awissu 2013.

L-ghan wara l-Artikolu 185 Kap. 12 hu li jigi accertat li kull persuna li fil-konfront taghha hu ndirizzat att gudizzjarju, issir taf bih. Ezempju qabel saret l-emenda bl-Att XXIV tal-1995, f'kaz ta' konjugi li jghixu fl-istess fond kien bizzejjed jekk att gudizzjarju jigi notifikat lil wiehed minnhom biss. L-intenzjoni tal-legislatur kienet li ma jkunx hemm ir-riskju li xi hadd mill-partijiet jibqa' ma jsirx jaf bl-att ghalkemm ikun jissemma fl-att. F'dan il-kaz hu minnu li d-debituri huma tnejn min-nies, cjoe' Desmond Mizzi u Millenia Limited. Ma saritx xi kontestazzjoni fis-sens li Desmond Mizzi m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpannija intimata. Mill-ittra ufficjali hu car li hi ndirizzata lil Desmond Mizzi fil-vesti personali tieghu u bhala direttur in rapprezentanza ta' Millenia Ltd. Mela l-iskrittura kellha tigi notifikata lil Desmond Mizzi, u hekk sar.

5. **<u>Talba ghas-sospensjoni tal-effetti legali tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2013</u>**.

Ir-raguni u l-prudenza titlob li d-Direttur Generali ma jipprocedix biex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv fir-rigward tal-imghax u l-penali amministrattivi gialadarba hemm appell dwar ir-rifjut tad-Direttur Generali ghat-talba ta' Millenia Limited sabiex jithassar skond il-Ligi Sussidjarja 406.18. L-appell sar ghaliex l-atturi jsostnu li l-kumpannija ghandha jedd tibbenefika mill-iskema ntrodotta bl-Avviz Legali 112 tal-2012.

Fl-ittra tat-3 ta' Dicembru 2012 kien id-Direttur Generali stess li gharraf lill-kumpannija li ghandha dritt tappella quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva[6].

Jekk l-appell ikollu ezitu pozittiv ghall-atturi jkun ifisser li l-imghax u penali amministrattivi, jew parti minnhom, m'humiex dovuti. Fir-realta' l-appell qieghed iservi biex jigi mpunjat t-titolu ezekuttiv li ghandu l-konvenut in kwantu dan jirreferi ghal imghax u penali amministrattivi. Ifisser li

[6] *"However, if you are aggrieved by this decision, you may file an appeal with the Administrative Review Tribunal as per article 44(j) of the VAT Act"* (fol. 30).

l-kumpannija attrici qeghda tikkontesta l-ammont pretiz ghal dak li jikkoncerna danni u imghax.
Madankollu l-atturi ma ghamlu l-ebda riferenza ghal xi provvediment tal-ligi li jawtorizza lill-qorti li tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv bil-hrug ta' atti esekuttivi.

6. **L-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2013 hi intempestiva ladarba hemm proceduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**.

Fl-ewwel lok l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiv gie pprezentat fit-18 ta' Frar 2013 (fol. 20), cjoe' wara li giet prezentata l-ittra ufficjali.

Fit-tieni lok 'il fatt li sar appell quddiem it-Tribunal ma jfissirx li d-Direttur Generali kien prekluz milli jipprezenta l-ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 59(2), sabiex it-titolu ezekuttiv jigi rez ezegwibbli.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------